# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Frar, 2021.**

**Numru 4**

**Rikors numru 13/11/1 PC**

**John Spiteri**

**v.**

**Caroline Spiteri**

1. Il-konvenuta Caroline Spiteri appellat filwaqt li l-attur ressaq appell inċidentali mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Familja tat-12 ta' Marzu 2019. Din il-kawża hi konnessa mal-kawża numru 184/2000 fl-ismijiet **Caroline Spiteri v. John Spiteri**, deċiża wkoll mill-istess Qorti fit-12 ta' Marzu 2019. Minn dik is-sentenza appellat Caroline Spiteri filwaqt li John Spiteri ppreżenta appell inċidentali. Iż-żewġ kawżi bdew bħala kawża għall-firda personali.

2. Mill-atti jirriżulta li:-

**2.1.** Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri fis-17 ta' Mejju tas-sena 2011, l-attur ippremetta:

*'Illi l-kontendenti żżewġu fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u wieħed u tmenin (1981) u miż-żwieġ tagħhom kellhom żewġ ulied li twieldu fl-elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) u fl-elf disa' mija u disgħin (1990) u illum t-tnejn huma maġġorenni;*

*"Illi l-ħajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti ġiet resa impossibbli minħabba adulterju da parti tal-konvenuta Caroline Spiteri li wassal għat-tifrik tal-ħajja matrimonjali u minħabba adulterju kontinwu li għadu għaddej sal-lum;*

*"Illi għalhekk skont l-Artikoli 38 u 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-konvenuta tilfet il-jeddijiet kollha kif elenkati fl-istess Artikolu 48 tal-Kap. 16;*

*"Illi l-attur ġie debitament awtorizzat sabiex jipproċedi bl-istanti permezz tal-verbal appositu ta' dina l-Onorabbli Qorti mogħti fl erbgħa (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) li kopja tiegħu qed tiġi annessa u mmarkata bhala Dokument 'A'.'*

U talab lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex il-Qorti:

*'1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il kontendenti u dana minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimata peress li hija ħatja ta' adulterju fil-konfront tal-attur;*

*"2. Tiddikjarat li minħabba l-adulterju kommess mill-konvenuta fil konfront tal-attur hija tilfet id-drittijiet kollha kif elenkati fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16 fosthom id-dritt li tingħata manteniment mill-attur;*

*"3. Tiddikjara illi l-partijiet iddekadew reċiproċi mid-drittijiet ta' eredita';*

*"4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tqassamha bejn il-partijiet u dan wara li jiġu identifikati l-beni parafernali appartenenti lir-rikorrenti u bl'applikazzjoni tal-Artikolu 48 (c) tal-Kap. 16;*

*"5. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu tmienja u erbgħin (48) sa wieħed u ħamsin (51) tal Kodiċi Ċivili.*

*"Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimata minn issa għas-subizzjoni.'*

**2.2.** Permezz ta' risposta maħlufa datata 21 ta' Ġunju 2011,[1] il-konvenuta wieġbet:

*'1. Illi preliminarjament hemm in-nullita' u rritwalita' ta' din il-kawża peress li hija ġiet preżentata mill-attur nonostante l-fatt li l-esponenti talbet permess mingħand din il-Qorti biex tappella mid-digriet tagħha ta' l-4 ta' Mejju 2011 - li permezz tiegħu awtoriżżat lill-attur jipproċedi bil-kawża odjerna - u nonstante l-fatt li sal-ġurnata tal-preżentata ta' din il-kawża, din il-Qorti kienet għadha ma ddeċidietx dwar jekk l-esponenti tistax tappella mill-istess, u l-attur kien konsapevoli ta' dan kollu. Huwa sottomess li l-attur ma setgħax jipproċedi b'din il-kawża dment li r-rikors ta' l-4 ta' Mejju 2011 kien għad ma ġiex finalment ikkonfermat jew altrimenti, u kkunsidrat bħala li jikkonsisti f'res judicata;*

*"2. Illi b'mod preliminari wkoll, l-esponenti qed teċepixxi l-lis alibi pendens peress li l-mertu ta' din il-kawża jirrigwarda l-istess mertu ta' kawża oħra pendenti quddiem din l-istess Qorti fl-ismijiet Caroline Spiteri vs John Spiteri (Citaz. Nru. 184/2000);*

*"3. Illi fil-mertu, huwa sottomess li din il-kawża hija fi kwalunkwe każ infondata fid-dritt u fil-fatt;*

*"4. Illi l-ewwel talba hija kkontestata fid-dritt u fil-fatt in kwantu is-separazzjoni personali qed tintalab minħabba raġunijiet attribwibbli lill-esponenti;*

*"5. Illi t-tieni talba hija wkoll ikkontestata fid-dritt u fil-fatt stante li kien unikament l-attur li naqas fi dmirijietu lejn martu. Kien fil-fatt l-attur li kien ħati ta' adulterju, sevizzi, ġlied u moħqrija fil-konfront ta' l-eċċipienti u għalhekk m'hemmx raġunijiet għaliex għandu jiġi dikjarat li l-esponenti tilfet id-drittijiet tagħha kif elenkati fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*"6. Illi t-tielet u r-raba' talba m'humiex jiġu kontestati;*

*"7. Illi l-ħames talba qed tiġi kkontestata in kwantu għar-raġunijiet fuq spjegati, ma hemmx raġunijiet għaliex għandhom japplikaw fil-konfront ta' l-esponenti d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 sa 51 tal-Kodiċi Ċivili.*

[1] Fol. 60 et seq.

*"8. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*"Bl-ispejjeż.'*

**2.3.** Il-kawża surriferita bdiet tinstema' kontestwalment ma' dik fl-ismijiet inversi bin-numru 184/2000;

**2.4.** Permezz ta' rikors ippreżentat fil-15 ta' Frar 2019,[2] l-attur u appellat odjern talab lill-Qorti tikkonverti dawn il-proċeduri minn proċeduri ta' separazzjoni għal dawk ta' divorzju *a tenur* tal-Artikolu 66F tal-Kap. 16 u konsegwentment tvarja t-talbiet ta' separazzjoni għal pronunzjament ta' divorzju;

**2.5.** Permezz ta' sentenza mogħtija fit-12 ta' Marzu 2019, il-Qorti tal-Prim'Istanza, wara li qieset l-atti tal-kawża odjerna kif ukoll dawk tal-kawża Ċitazzjoni Numru 13/2011 fl-ismijiet inversi, iddeċidiet kif ġej:

***'Talba għad-divorzju:***

*"Permezz tat-talba tiegħu tal-15 ta' Frar 2019, l-attur qed jeżerċita d-dritt mogħti bl-emendi li saru għall-Kodiċi Ċivili bl-Att XIV tal-2011 li introduċa d-divorzju f'pajjiżna, u partikolarment bl-artikolu 66F tal-istess Kodiċi sabiex jitlob li t-talba għas-separazzjoni f'din il-kawża tinbidel f'waħda għall-pronunzjament tad-divorzju. Il-konvenuta mhix topponi t-talba. Madankollu l-Qorti hija marbuta xorta waħda li tikkonstata illi l-kondizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B tal-Kap. 16 biex tirnexxi talba għad-divorzju ġew sodisfatti.*

*"Jidher li l-ewwel kundizzjoni meħtieġa taħt is-sub-inċiż (a) tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 ġiet sodisfatta, billi tenut kont iż-żmien li ilha pendenti*

[2] Fol. 1256.

*din il-kawża, żgur li l-partijiet ilhom iżjed minn erba' (4) snin separati de facto fl-aħħar ħames snin.*

*"It-tieni rekwiżit taht is-sub-inċiż (b) tal-istess artikolu ġie wkoll sodisfatt, billi wara dawn is-snin kollha ta' separazzjoni, żgur li ma baqa' ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin.*

*"Dwar it-tielet rekwiżit taħt is-sub-inċiż (c) ta' dan l-artikolu, jirrizulta li pendente lite l-attur kien tenut imantni lil martu. Dan l-obbligu jidher li l-attur baqa' jwettqu tul iż-żmien kollu li ilha għaddejja din il-kawża, ħlief għal xi okkazzjonijiet sporadi1i li pero' ma baqgħux jiġu ripetuti.*

*"Għalhekk ma jibqa' ebda raġuni għaliex il-Qorti m'għandhiex tilqa' din it-talba.*

*"...*

*"Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi:*

*"(i) Tilqa' l-ewwel talba (kif konvertita f'waħda ta' divorzju) u tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti, John u Caroline Spiteri, u tiddikjara maħlul iż-żwieġ ċelebrat bejniethom fis-27 ta' Novembru elf disa mija u wieħed u tmenin (1981);*

*"(ii) Tiċħad it-tieni, tielet u ħames talbiet;*

*"(iii) Tilqa' r-raba' t talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti;*

*"(iv) Tipprovdi dwar ir-raba talba billi tassenja lil kull parti dawk l-oġġetti mmobbli u mobbli kollha kif imfisser fil-korp ta' din is-sentenza fil-parti ntitolata: "Assenjazzjoni tal-beni formanti parti l-Komunjoni tal-Akkwisti tal-partijiet"; għall-fini tal-assenjazzjoni tal-beni mmobbli tinnomina lin-Nutar dottor Paul Pisani, biex jippubblika l-kuntratt relattiv fl-uffiċċju tiegħu, nhar is-Sibt 27 ta' April 2019 fil-ħdax ta' filgħodu, (11.00am.), u lill-avukat dottor Claire Caruana biex tidher għall-eventwali kontumaċi; bl-ispejjeż ta' dan il-kuntratt jinqasmu bejn il-partijiet.*

*"L-ispejjeż tal-kawża, inklużi dawk dwar it-talba għad-divorzju, għandhom jiġu ssoportati mill-attur, ħlief għal dawk tad-diversi periti komputisti nominati, li għandhom jiġu ssoportati ugwalment mill-kontendenti, inkwantu li t-tnejn li huma ma setgħux ma kienux jafu li dan in-negozju jappartjeni lill-assi parafernali tal-attur, u konsegwentement it-talba biex jiġi stabilit il-valur tal-avvjament tan-negozju tiegħu kienet inutili.*

*"Fl-aħħarnett tordna lir-Reġistratur tagħha sabiex a tenur ta' dak li jipprovdi s-subinċiż (4) tal-artikolu 66A tal-Kap.16, tavża fi żmien xahar mil-lum, lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex b'din id-deċiżjoni tagħha, biex tiġi reġistrata skont il-liġi.'*

3. Rat illi l-konvenuta appellat mis-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu:-

**3.1.** fejn ġie deċiż illi l-avvjament tan-negozju ma kienx jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti;

**3.2.** bil-mod kif il-Qorti assenjat il-beni mmobbli u mobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet; u

**3.3.** fejn ġie deċiż li r-retta alimentari ffissata kellha titħallas għal seba' (7) snin biss.

4. L-attur appellat wieġeb li l-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-konvenuta bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontriha, u fl-istess waqt ippreżenta appell inċidentali. L-aggravji huma:

**4.1.** li ġie attribwit unikament lilu t-tort tat-tifrik taż-żwieġ;

**4.2.** li l-ewwel Qorti kellha tasal għall-konklużjoni li ż-żwieġ tfarrak unikament tort tal-mara minħabba r-relazzjoni li hija kellha ma' Joseph Bonnici u konsegwentement hija titlef kull jedd għall-manteniment u

titlef ukoll kull dritt li titħallas tal-profitti li saru bil-ħidma tiegħu mid-data tal-adulterju;

**4.3.** irrispettivament meta seħħ l-adulterju, dan kellu jwassal għall-effetti sanzjonarji kkontemplati fil-liġi, ossija li martu ma għandhiex dritt titħallas manteniment mingħandu u lanqas għandha dritt tal-profitti min-negozju tiegħu;

**4.4.** l-ewwel Qorti għamlet żball fil-komputazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, senjatament: (i) fl-ammont ta' flus depożitati fil-banek; (ii) fil-valur attribwit lill-polza ta' assigurazzjoni peress li l-istess m'għandha ebda valur; u (iii) fil-profitti eżaġerati attribwiti lin-negozju tiegħu;

**4.5.** li ma kellux, fiċ-ċirkostanzi, ibati l-ispejjeż ta' żewġ kawżi waħdu.

**Ikkonsidrat:**

5. Illi a skans ta' ripetizzjoni inulti, in kwantu l-aggravji tal-partijiet kif imfissra fl-appell u l-appell inċidentali rispettivi tagħhom huma identiċi għal dawk minnhom interposti fl-appell bin-numru 184/2000/2, li qiegħed jiġi deċiż kontestwalment mal-appell odjern, din il-Qorti tirreferi għall-konsiderazzjonijiet kollha li għamlet fis-sentenza li tat illum. Fl-istess ħin

tiddikjara u tikkonferma li dawk il-konsiderazzjonijiet għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan l-appell ukoll.

Għal dawn ir-raġunijiet:

1. Tiddeċiedi l-appell tal-konvenuta billi:-

i. Tilqa' l-ewwel aggravju u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti u tikkonferma li l-avvjament tan-negozju jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

ii. Sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq tilqa' t-tieni aggravju u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti bil-mod spjegat fil-parti dispożittiva tas-sentenza tal-appell numru 184/2000/2 fl-ismijiet **Caroline Spiteri v. John Spiteri**, u deċiż illum. Ovvjament il-ħlas dovut lill-konvenuta jsir għal darba waħda biss.

iii. Tiċħad it-tielet aggravju.

2. Tiddeċiedi l-appell inċidentali tal-attur billi:-

i. Tilqa' l-aggravji relatati mal-manteniment pero` sa fejn kompatibbli ma' dak hawn deċiż. Għalhekk tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti u tiddikjara li l-ebda manteniment ieħor mhu dovut lill-attriċi (ara s-sentenza fl-ismijiet inversi li ngħatat illum), u f'dan ir-rigward tapplika l-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenuta għal dak li jirrigwarda l-

manteniment. Għalhekk tilqa' t-tieni talba tar-rikors ġuramentat pero` sa fejn kompatibbli ma' dak hawn deċiż.

ii. Sa fejn kompatibbli ma' dak deċiż fis-sentenza tal-appell 184/2000/2, tilqa' parzjalment ir-raba' aggravju fis-sens li mil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti għandha titnaqqas is-somma ta' disat elef tlett mija u sbatax-il ewro (€9,317) valur tal-polza ta' assikurazzjoni li l-ewwel Qorti assenjat lill-konvenut.

iii. B'referenza għall-aħħar aggravju tilqa' parzjalment l-aggravju u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens li l-attriċi għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż relatati mat-tieni talba tar-rikors ġuramentat.

iv. Tiċħad il-kumplament tal-aggravji tal-konvenut.

3. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Spejjeż tal-appell u appell inċidentali jinqasmu in kwantu għal tlett kwarti (¾) a karigu tal-konvenut u kwart (¼) a karigu tal-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm